L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 18 ta' Marzu, 2005

**Min dahak l-ahhar?**

Nhar il-Hadd hareg ir-rizultat ta' l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u l-poplu ta' rebha assoluta lill-M.L.P. u telfa assoluta lill-PN. Fost dawk li kkontribwixxew ghal dan ir-rebh t telf kien hemm kategoriji differenti ta' nies.

Fuq quddiem u l-maggoranza kbira taghhom kienu Laburisti leali lejn il-jpartiti jew Laburisti li ghalkemm drabi ohrajn ivvotaw differenti regghu lura lejn il-partit.

Imbaghad min-naha l-ohra kien hemm l-elettorat li s-soltu kien jivvota lin-Nazzjonalisti li ghalkemm ma rridx naqa' fil-vizzju tal-kelliema Nazzjonalisti li jippretendu li l-voti 'taghhom' ghandhom xi dritt sagrosant fuqhom.

Minn dawn kien hemm min ma harigx jivvota u ghamel hekkk biex jaghti s-sinjal tieghu lill-PN. Halli l-PN li jaghmel il-kontijiet tieghu (viva l-Att dwar il-Privatezza) jinduna li dawn l-ex-Nazzjonalisti ma vvotawx. Minnhom ikun hemm min ukoll jibza' li jekk jasal sal-post tal-votazzjoni jerga' jaqa' biex jivvota Nazzjonalisti minflok Laburisti u ghalhekk ma kellux kuragg jidhol ghal dan ir-riskju. Dawn kienu 5% meta wiehed iqabbel ma' l-ammont ta' votanti li ma hargux jivvotaw tliet snin ilu. Il-Ministru Borg ghogbu jsejhilhom dawk li "jivvotaw b'saqajhom". U hekk ghamlu dawn - pero' jekk ivotaw, ivvotaw kontra l-PN.

Kien hemm dawk li dehrilhom li m'ghandhomx jivvotaw lin-Nazzjonalisti u taw il-vot taghhom lill-Alternattiva. Ma' dawn jistghu jizdiedu dawk li vvotaw ghall-kandidati Indipendenti.

Ma tantx inghataw importanza voti mhassrin li kienu huma wkoll vot ta' protesta. Jista' jkun li dan gara tant kemm kien kbir id-distakk bejn lz-zewg partiti.

Wiehded ma jridx jinsa barra lanqas lil dawk li ma thallewx jivvotaw mill-PN innifsu. Jigifieri l-votanti tal-Marsa u h-Zejtun. Dawn inghalqilhom halqhom biex ma jkunux jistghu jipprotestaw u juru l-ghadab taghhom lejn l-amministrazzjoni hazina ta' Gvern Nazzjonalista.

Pero', bla dubju ta' xejn, l-iktar li kien sorprendenti nhar il-Hadd kien l-ammont ta' votanti li litteralment qalbu minn Partit Nazzjonalista ghal PARTIT Laburista. Dan kien l-akbar ezami.

Kien ukoll l-iktar messagg qawwi u b'sahhtu u li qata' fil-laham il-haj. Dan anke kien effettiv. Kienu nies li qabel ma dahlu fil-post tal-votazzjoni zgur li gew avvicinati minn partitarji tal-Partit Nazzjonalista.

Dahkulhom u baqghu ghaddejjin. Kienu nies li kellhom il-kuragg jiffaccjaw il-polza tal-vot u li kellhom il-kuragg li jnizzlu l-ghazla taghhom ghall-ewwel darba fuq kaxxi homor. Ghalihom kien sagrificcju Izda waslu li wettquh. Kienet 'swing' politika perfetta li fuq diversi postijiet wriet pendulum politiku fejn persentagg ta' voti minn fuq il-Partit Nazzjonalista daru ghal fuq il-Partit Laburista.

Certu 'swings' kienu verament impressjonanti bhal dik ta' l-Isla (ta' 6.25%), Balzan (4.25%), Mqabba(2.33%), Santa Venera (6.18%) apparti z-zidiet impressjonanti specjalment fuq lokalitajiet bhall-Mellieha (+7.98%), Pembroke (+8.63%). Dan apparti l-fatt li l-MLP zied fuq kull lokalita' (minbarra wahda) u li ntrebhu maggoranzi f'iktar Kunsilli kief jaf kulhadd. Kollha kemm huma wrew certu tpattija jew rabja lejn Gvern Nazzjonalista u fiducja fil-Patit Laburista fl-istess hin.

Li gara, bhalma qal il-mexxej Laburista nhar il-Hadd, li l-poplu nduna li dawk tal-PN kienu qeghdin ikunu biss weghdiet fierha u kastelli fl-arja. It-tgawdija vera tal-PN saret ristretta ghal cirku wisq zghir ta' nies u ohrajn qeghdin jibqghu jittamaw u jithallew dejjem barra.

Nhar is-Sibt il-poplu wera lil Dr Gonzi li issa waqalha l-velu l-illuzjoni minn quddiem ghajnejha u li qieghda tirrealizza li bl-Unjoni Ewropea jew minghajrha, b'mexxej Nazzjonalista gdid u bl-istess kabinett l-affarijiet se jibqghu l-istess u l-poplu tkellem.

Gonzi kemm -il darba dahak bin-nies. Fil-fatt f'mohhi jibqa' zgur ghal dejjem maghruf ghad-dahka tieghu. Dejjem wieghed oggett imbaghad dahak wahda u ma wettaqx dak li wieghed. Dawk li nhar is-Sibt ivvotaw fuq il-kaxxi l-homor ghall-ewwel darba minkejja li kienu anke Nazzjonalisti maghrufin meta gew ikkuntattjati mill-partitarji Nazzjonalisti dahkulhom u weghduhom li se jaghtuhom il-vot. Imbaghad dahku bihom u ma tawulhomx.

Gonzi, kulhadd sar jaf jidhak b'kulhadd. Imma l-ahhar dahka u l-iktar wahda li taqta' fil-laham il-haj hija tal-poplu.